Avviż Numru CCT 148/18/F

**Teresa Caruana**

**vs**

**Florence Stationery**

Illum 25 t'April, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-25 ta' Settembru, 2018 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' erbatax-il ewro, u disgħa u disgħin ċenteżmi (€14.99), rappreżentanti l-prezz ta' maskla tal-baħar, li beda jidħlilha l-ilma.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat maskla tal-baħar u hekk kif użawha fil-baħar, beda jidħlilha l-ilma.

L-intimat issottometta li waqt illi libes il-maskla ma' wiċċu mingħajr iċ-ċinga, u filwaqt li ħa nifs 'il ġewwa, dina l-maskla ma waqgħetx, biex juri li allura ma kienx dieħel l-arja ġo fiha.

It-Tribunal, jinnota illi dawn it-tip ta' maskli li ma jkunux professjonali, huma standard maskli li mhux bilfors japplikaw għal kull wiċċ. Illi jirriżulta li din il-maskla tidher illi ma ffittjatx sew lir-rikorrenti u li għalhekk qed jidħol l-ilma. Għaldaqstant m'għandux ikun li konsumatur jixtri prodott li ma jkunx tajjeb għalih.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' erbatax-il ewro, u disgħa u disgħin ċenteżmi (€14.99), b'dan illi l-maskla tiġi ritornata lura lill-intimat wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**